# Tifkiriet u riflessjonijiet mill-Għajn 'Ħain Salem'



### *Tikteb Mathea Vassallo, Bandista*

Għajnsielem: "Hain Salem"; L-Għajn tas-sliem, oriġini semitika iżda r-raħal t'Għajnsielem ifforma ħafna snin wara l-miġja tal-Għarab fostna. Skont xi studji riċenti li kienu saru dwar l-irħula Għawdxin instab li raħalna huwa l-aħħar raħal li fforma u għalhekk huwa wieħed modern. Hawn mhux se nitkellmu fuq l-aspett toponamistiku ta' raħal twelidna iżda dwar il-kuntest komunitarju u soċjali tiegħu.

Qabel xejn is-sies ta' raħalna huwa proprju l-Għajn "Hain Salem" li llum hija hi li se tirrifletti u b'nostalġija mirquma sa tirrakkonta kif binha nbidel f'mixjet is-snin. Ma nistax ma nsemmix hawn il-motto li l-omm qalbiena tat lil uliedha Għajnselmiżi: "Ob Fontem Prosperitas"- Nistagħna b'nixxiegħa ilma. Dan il-motto għandu żewġ tifsiriet. L-ilma fit-tifsira reliġjuża tiegħu huwa s-simbolu ta' safà, qdusija u purifikazzjoni min-naħa l-oħra jekk l-ilma ma jiċċaqlaqx isir ilma qiegħed u jitlef is-siwi tiegħu u għalhekk hawn toħroġ it-tifsira soċjali li "Min ma jitbiddilx jitqammel".

L-għajn kienet iċ-ċentru ta' raħalna. Snin ilu kollox kien jiddependi minnha; mill-ewwel tbexbix ta' filgħodu sa ma jkun dlam taqtgħu b'sikkina. L-għajn tirrakkonta li uliedha kienu jinġabru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata biex jaħslu ħwejjiġhom, jimlew l-ilma, jaħslu lil uliedhom u jisqu lill-bhejjem tagħhom. L-għajn tgħidilna li hi kienet tirċievi l-ewwel aħbarijiet tal-ġurnata. L-għajn kienet tkun taf kollox dwar uliedha …min ħalliena, min qiegħed jilgħaba mal-mewt, min iżżewweġ u min għadu kif ra l-ewwel dawl tal-ħajja u diversi aħbarijiet oħrajn. Madwar l-għajn, kienet tinħass l-għaqda u s-serenità fl-ilma jgelgel frisk li stagħna lill-istess missirijiet tagħna. Però ż-żmien ibiddel u jxejjaħ, għalhekk il-ħajja sempliċi ta' missirijietna nbidlet f'waħda kumplessa u pjuttost individwali. L-ebda ħaġa ma hi statika kollox jinbidel maż-żmien. Anke n-natura tinbidel u tiġġedded skont l-istaġuni allura anke Għajnsielem inbidel. Dan kollu huwa rifless mill-għajn. Hawn seħħew bidliet soċjali, psikoloġiċi u anke teknoloġiċi. Dan anke jidher permezz tas-simbolu tal-ilma. L-ilma li fil-kuntest reliġjuż tiegħu jfisser twelid ġdid allura raħalna dejjem qed jiġġedded u jinbidel matul il-mixja tas-snin. Ħafna minna jibżgħu mit-tibdil għax jibqgħu mwaħħlin mal-passat iżda l-bidla hija wkoll ta' benefiċċju għalina llkoll. Imbagħad huwa f'idejn l-individwu li jara jekk it-tibdil kienx mill-agħar, għall-aħjar jew bil-kontra. Ma nistgħux nibqgħu l-istess, għalhekk l-għajn tħeġġiġna li nikbru fiżikament, soċjalment u anke moralment.



Għajnsielem bħal kull raħal tipiku ieħor għandu l-folklor, it-tradizzjoni, id-drawwiet u fuq kollox id-djalett tiegħu. Dan kollu jagħmilna uniċi. Minħabba li ż-żmien igerbeb huwa l-kaġun ta' ħafna tibdiliet. Però l-kultura ta' raħalna se tibqa' l-mira tagħna. Dan għaliex fil-kultura ta' raħalna hemm il-kontinwità- Aħna l-Għajnselmiżi għandna identità waħda għax ilkoll għandna l-istess għeruq. Ilkoll tnissilna mill-għajn, l-istess post li minnu twieled Għajnsielem.

Matul iż-żmien l-għajn rat ħafna l-mixja tal-progress. L-ewwel u qabel kollox rat li uliedha ma baqgħux ċkejknin iżda stagħnew fin-numru u saru aktar intellettwali frott l-edukaturi tagħhom, rat fost l-oħrajn l-emanċipazzjoni tal-mara li għalhekk waslet għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Rat it-tibdil fil-familji, fil-mentalità u innutat ukoll li l-ħajja tal-lum saret bil-wisq mgħaġġla u b'ħafna mpenji. Jien hawn nistaqsi lili nnifsi: L-għajn intebħet li Għajnsielem inbidel ukoll moralment, innutat li kull ma jmur Għajnsielem qiegħed isir sekulari u qiegħed jiġi wkoll influwenzat minn kulturi barranin? Però l-għajn ma ratx biss tibdiliet fil-mentalità u għalhekk tħossha ferħana li uliedha ma kibrux biss fl-ambjent soċjali iżda wkoll fl-ambjent ta' formazzjoni. F'Għajnsielem inbnew bosta ċentri li llum huma s-sors ta' tagħlim kemm tal-liġi morali u naturali kif ukoll tal-liġi ċivili. L-Għajn tħossha



sodisfatta li uliedha kienu kapaċi u b'ħiliet kbar sebbħu lill-madwar. L-għajn tħossha kburija ħafna li llum rat lit-tempju tal-verġni Marija ta' Loretu huwa komplut u għalhekk qiegħed issebbaħ id-dehriet ġeografiċi ta' Għajnsielem. Kemm aktar se tħossha onorata l-għajn meta se tisma' t-tokki melodjużi tal-"Ave Marija" jidwu f'widnejha mill-għoli tal-kampnar!

Ilum l-għajn ta' "Hain salem" li tat il-ħajja lill-antenati tagħna, lilna lkoll u lir-raħalna ma nistgħux narawha. Madanakollu, din ommna xorta għadha tħobbna u tgħożżna. Għalkemm illum mhix tanġibbli nistgħu ngħidu li xorta għadha fostna u bħalissa tinstab tħuf taħt it-toroq ta' raħalna sabiex tibqa' tindukrana u tosserva l-azzjonijiet kollha tagħna u hekk ma tħalliniex nitkaxkru mal-kurrent.

*Nixtieq minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.*